**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**03 ta` Marzu 2025**

**Rikors Numru 19/2023**

**Simon Cassar**

**Vs**

**Awtorita` għat-Transport Malta**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ippreżentat minn **Simon Cassar** fis-17 ta' Frar 2023 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

*Illi l-Awtorita intimata, fl-ittra taghha datata 31 ta' Jannar 2023, tissottometti li l-vettura ta' l-ghamla Chrysler 300 bin-numru ta' registrazzjoni GPY 085 giet registrata ma' l-Awtorita ai termini tal-Legislazjoni Sussidjarja 499.56 in segwitu ghall -applikazjoni a bazi tac-certifikat mill-Litwanja numru 2C3 CCAA G0DH 61840;*

*Illi l-Awtorita intimata tissottometti li minn verifiki maghmula ma' l-awtoritajiet Litweni jirrizulta li c-certifikat ta' registrazjoni prezentat mir-rikorrenti ghal finijiet ta' registrazzjoni hu wiehed falz stante illi l-imsemmija vettura kienet giet irregistrata fil-Litwanja fis-sena 2013 u mhux fis-sena 2016 kif skorretament indikat fic-certifikat minnek ipprezentat;*

*Illi ghalhekk l-Awtorita hassret u rrevokat ir-registrazjoni tal-vettura de quo a bazi ta' l-applikazzjoni tar-rikorrenti u tac-certifikat ta' registrazzjoni prezentanta mir-rikorrenti;*

***Il-fatti tal-kaz***

1. *Illi r-rikorrenti xtara il-vettura ta' l-ghamla Chrysler 300 mill-Litwanja;*

2. *Illi huwa pprezenta c-certifikazzjoni li giet moghtija lilu meta xtara l-imsemmija vettura lil Awtorita intimata;*

3. *Illi l-Awtorita, wara li accetat l-applikazzjoni tar-rikorrenti u tac-certifikat ta' registrazzjoni prezentanta mir-rikorrenti, qed tikkontesta l-validita tac-certifikat u hassret u rrevokat ir-registrazjoni tal-vettura de quo a bazi ta' l-applikazzjoni tar-rikorrenti u tac-certifikat ta' registrazzjoni prezentanta mir-rikorrenti;*

***Ragunijiet ghal Appell***

*Illi r-rikorrenti hassu aggravat mid-decizjoni u qieghed jinterponi tali appell ghas-segwenti ragunijiet:*

1. *Illi r-rikorrenti akkwista l-vettura in kwistjoni. It-transazzjoni finanzjara tista facilmnet tigi ppruvata. Huwa ghandhu r-ricevuti kollha u nizzel hu stess il-vettura lejn Malta. Illi meta mar jaghmel ir-registrazjoni ipprezenta c-certifikati li inghata. Illi huwa m'ghandhu l-ebda problema biex isiru l-analizi u verifiki kollha necessarji. Illi l-ahhjar prova li jista jaghmel huwa dak li jikkonferma bil-gurament tieghu dak li pprezenta;*

2. *Illi l-Awtorita qed tallega li d-dokument huwa falz. Illi r-rikorrenti umilment jissottometti li fuq dan l-punt ma hemmx qbil peress li l-ligi taghna hija dejjem ibbazata fuq l-Art. 562 tal-Kap. 12 ossia li bla ħsara ta' kull disposizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah. Ir-rikorrenti qed jipprezenta dan ic-certifikat li huwa dak li bih xtara il-vettura. L-Awtorita intimata qed tghid li dan ic-certifikat huwa 'falz'. Illi l-Awtorita trid ggib tali prova la darba qed tghid li dak li qed ir-rikorrenti mhux minnu;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas suespost ir-rikorrenti qeighed jissottometti li ghaddew numru ta' snin konsiderevoli u l-Awtorita kellha l-obbligu li tinfurmah ferm qabel dwar dan id-dubbju li hi ghandha – u mhux wara li ghaddew snin shah meta hu rawwem negozju u avvjament ta' operazjoni kummercjali.*

4. *Illi minghajr pregudizzju, anke kieku t-tezi ta' l-intimat tigi ppruvata il-vettura in kwistjoni xorta wahda setghet tigi registrata;*

*Ghal dawn il-motivi u ghar ragunijiet li ser jigu pruvati waqt is-smiegh tal-kawza, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett li dan it-Tribunal jirrevoka u jhassar id-decizjoni mehuda mill-Awtorita intimata datata 31 ta' Jannar 2023, u jordna lill-Awtorita tirregistra l-vettura ta' l-ghamla Chrysler 300 bin-numru ta' registrazzjoni GPY 085.*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` intimata** ppreżentata fit-3 ta’ Marzu 2023 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi d-deċiżjoni tal-Awtorita’ hija waħda korretta u skond il-liġi u għalhekk timmerita li tiġi konfermata filwaqt li l-appell interpost mill-appellant jimmerita li jiġi miċħud bl-ispejjeż u dan stante illi d-deċiżjoni tal-Awtorita’ li tirrevoka r-reġistrazzjoni tal-vettura tal-ghamla ‘Chrysler 300 Touring’ bin-numru ta’ reġistrazzjoni ‘GPY085’ ttieħdet wara illi rriżultalha minn verifiki magħmula mal-awtoritajiet tal-Litwanja illi ċ-ċertifikat Litwen ta’ reġistrazzjoni li kien ġie minnu ppreżentat lill-Awtorita’ esponenti għar-reġistrazzjoni tal-imsemmija vettura f’Malta taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.56 kien wieħed falz għaliex is-sena ta’ reġistrazzjoni fil-Litwanja kienet is-sena 2013 u mhux is-sena 2016 kif indikat fiċ-ċertifikat preżentat mill-appellant. Dan kif se jiġi ampjament pruvat.*

2. *Illi konsegwentement il-vettura de quo agitur ma setgħetx tiġi reġistrata taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.56 kif talab l-appellant u kif sar abbażi taċ-ċertifikat falz minnu ppreżentat, għalkemm effettivament l-imsemmija vettura tista’ tiġi reġistrata taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68.*

3. *Illi l-argument li donnu qed jinġieb mill-appellant fir-rikors promotur fis-sens illi kien l-obbligu tal-Awtorita’ li tagħmel il-verifiki qabel assolutament ma jreġġix għaliex fir-realta’ kien l-obbligu tal-appellant li jippreżenta ċertifikat korrett u mhux wieħed falz kif effettivament ġie ppreżentat.*

4. *Illi għalhekk l-appell interpost mill-appellant huwa kompletament infondat kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u ghalhekk ghandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra tiegħu.*

Sema’ x-xhieda;

Ra l-atti kollha;

Sema’ t-trattazzjoni

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b’deċiżjoni tal-Awtorita` intimata li tħassar ir-reġistrazzjoni tal-vettura tal-għamla Chrysler 300 bin-numru ta’ reġistrazzjoni GPY 085 u dana peress li rriżultalha li ċ-ċertifikat ta’ reġistrazzjoni ppreżentat minnu ai fini ta’ reġistrazzjoni tal-istess vettura kien wieħed falz stante li kuntrarjament għal dak iddikjarat fl-istess ċertifikat, il-vettura in kwistjoni kienet ġiet irreġistrata fil-Litwanja fis-sena 2013 u mhux kif muri fuq iċ-ċertifikat ta’ reġistrazzjoni tal-Litwanja fis-sena 2016.

Illi da parti tagħha l-Awtorita` intimata tisħaq illi r-rikorrent ma setax jirreġistra l-imsemmija vettura ai termini tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.56 (Regolamenti Dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri) iżda semmai seta' jirreġistraha ai termini tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.68 (Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi).

**Brian Farrugia,** Direttur fid-Direttorat għat-Trasport fuq l-Art fi ħdan l-Awtorita` intimata, xehed illi l-vettura in kwistjoni hija tal-għamla *limousine*. Spjega li f'Mejju 2019 ir-rikorrent applika biex jirreġistraha, l-Awtorita` għamlet il-verifiki tagħha u nħareġ il-*log book*. Kompla jgħid illi qabel irreġistraw l-imsemmija vettura huma għamlu l-verifiki tagħhom mal-Interpol u mas-SIRENE fi ħdan il-Korp tal-Pulizija, u dan kif isir kull meta jkun hemm reġistrazzjoni ta' vettura impurtata li tkun *second hand*, fejn wara tali verifiki rriżulta li ma kien hemm xejn x'iżomm ir-reġistrazzjoni. Sussegwentement l-Awtorita` waslitilha informazzjoni minn operaturi oħrajn illi din il-vettura ma hix tas-sena indikata fuq il-*log book* esteru. Hawnhekk qamet problema peress li biex vettura *second hand* tkun reġistrata ai termini tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 trid tkun antika iżjed minn ħames (5) snin u ilha reġistrata barra minn Malta għal iżjed minn seba' (7) snin. Għalhekk l-Awtorita` bdiet tikkorrispondi mal-awtoritajiet kompetenti ġewwa l-Litwanja li nfurmawha li s-sena ta' manifattura hija l-2013 u mhux l-2016 kif jidher fuq il-*log book.* In vista ta' dan l-Awtorita` għamlet rapport lill-Pulizija fejn ir-rikorrent sostna li huwa kien xtraha bil-*log book* li ppreżenta lill-Awtorita`. Fid-dawl ta' dan kollu, l-Awtorita` ħadet deċiżjoni li tirrevoka r-reġistrazzjoni tal-vettura peress li kien hemm allegazzjoni li ngħatat informazzjoni mhix veritjiera.

Is-Sur Farrugia jgħid illi minkejja d-diskrepanzi li kien hemm fis-snin indikati fuq il-*log book* li ppreżenta r-rikorrent, il-vettura xorta kienet tikkwalifika li tiġi reġistrata ai termini tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56. Li spinġa lill-Awtorita` tieħu d-deċiżjoni li ħadet kien il-fatt li l-*log book* ippreżentat lilha kien wieħed li ma kienx korrett skont l-informazzjoni riċevuta mil-Litwanja.

In kontro-eżami s-Sur Farrugia xehed illi meta r-rikorrent mar biex jirreġistra l-vetturain kwistjoni, huwa spezzjona l-*log book* ippreżentat mir-rikorrent u ma kien jidher li fiha xejn irregolari.

**Ir-rikorrent** xehed illi huwa operatur fil-qasam tat-trasport. Spjega li l-vettura in kwistjoni kien raha fuq Facebook u qabel ma xtraha kien informa ruħu liema mudell jista' jimporta. Spjega li l-vettura in kwistjoni tal-għamla Chrysler toħroġ bħala karozza normali imbagħad tmur ġo fabbrika oħra biex

tittawwal u tiġi *limousine*. Kompla jgħid li ma kienx jaf meta l-vettura ġiet modifikata u li hu kien xtraha bħala vettura diġa` modifikata.

**Ivan Hallet**, xehed illi huwa jaħdem bħala *freight forwarder* u kien ħabib tar-rikorrent. Spjega li huwa mar il-Litwanja flimkien mar-rikorrent u xtara wkoll vettura, għal-liema vettura huwa ħallas tramite l-Bank. Min biegħhlu l-vettura, tah ukoll il-*log book* magħha.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-fajl esebit mill-Awtorita` intimata fl-atti ta' din il-kawża jirriżulta s-segwenti:

1. Il-vettura in kwistjoni ġiet impurtata mil-Litwanja u reġistrata hawn Malta f'Lulju 2019;[1]
2. Fl-10 ta' Mejju 2022, uffiċjal tal-Awtorita` intimata bagħtet emejl lill-awtoritajiet tal-Litwanja fejn staqsiethom jekk il-vettura in kwistjoni kinitx reġistrata fil-Litwanja u jekk setgħux jikkonfermaw li s-sena tal-manifattura kienet l-2016 kif muri fuq iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni Litwen;[2]
3. Fil-11 ta' Mejju 2022, l-awtoritajiet tal-Litwanja wieġbu illi l-vettura indikata kienet reġistrata ġewwa l-Litwanja, pero` mid-*database* tagħhom, **<u>is-sena ta' manifattura tagħha kienet 2013 u mhux 2016</u>** kif jidher fiċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-Litwanja;[3]
4. Sussegwentement, fit-18 ta' Ottubru 2022, l-Awtorita` intimata għarrfet lir-rikorrent illi minn verifiki li għamlet mal-awtoritajiet tal-Litwanja irriżulta li ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni ppreżentat minnu ai fini ta' reġistrazzjoni tal-vettura in kwistjoni kien wieħed falz u għalhekk għarrfitu li kienet qed tħassar u tirrevoka l-istess reġistrazzjoni u talbitu jirritorna l-*log book* u l-pjanċi ta' reġistrazzjoni;[4]
5. Fil-31 ta' Ottubru 2022 ir-rikorrent kiteb lill-Awtorita` intimata fejn għarrafha li huwa ġie a konoxxenza illi l-imsemmija vettura setgħet tiġi reġistrata għal *operating licence* b'disa' (9) jew inqas sedili. Għaldaqstant filwaqt li rrespinga d-deċiżjoni tal-Awtorita` għar-revoka tar-reġistrazzjoni, issottometta li seta' japplika għal liċenzja b'*capacity* inqas u b'hekk ma jkun hemm ebda irregolarita`;[5]

---

[1] Log Book a fol. 58
[2] A fol. 49
[3] Ibid.
[4] A fol. 48
[5] A fol. 47

6. Fil-31 ta' Jannar 2023, l-Awtorita` għarrfet lir-rikorrent li minn verifiki magħmula mal-awtoritajiet tal-Litwanja, il-vettura in kwistjoni kienet **ġiet reġistrata fl-2013 u mhux fl-2016** kif kien indikat fiċ-ċertifikat ippreżentat minnu. Għalhekk għarrfitu formalment li r-reġistrazzjoni tal-vettura kienet qed tiġi mħassra u revokata. Infurmatu wkoll li l-istess vettura setgħet tiġi reġistrata taħt il-provvedimenti tal-L.S. 499.68.[6]

Illi t-Tribunal josserva illi fir-rigward tal-aħħar punt imsemmi hawn fuq, minn imkien ma jirriżulta mill-provi prodotti illi l-awtoritajiet tal-Litwanja ikkonfermaw li l-vettura in kwistjoni ġiet reġistrata ġewwa l-Litwanja fl-2013 u mhux fl-2016. Minn dak li fehem it-Tribunal, l-awtoritajiet tal-Litwanja ikkonfermaw li **s-sena ta' manifattura kienet 2016 u mhux 2013**.

Illi pero` lil hinn minn dan kollu, it-Tribunal iħossu ferm perpless kif l-Awtorita` intimata aġixxiet f'dan il-każ. L-ewwel u qabel kollox iqis li l-indagini li għamlet kienet waħda superfiċjali u ma ppruvatx tindaga x'seta` ġara biex iċ-ċertifikat tal-Litwanja kellu data differenti tas-sena ta' manifattura minn dik li kienu qed isostnu li fiha ġiet manifattura l-awtoritajiet tal-Litwanja. Bl-ebda mod ma ġie ppruvat abbażi ta' xhiex l-awtoritajiet tal-Litwanja kienu qed jasserixxu li s-sena ta' manifattura kienet l-2013 u mhux l-2016. Ċertament la darba għamlu tali asserzjoni, it-Tribunal għandu għaliex jifhem li kellhom xi prova dokumentarja f'idejhom li turi dak li huma kienu qed jikkonfermaw. Madanakollu l-Awtorita` intimata ma jirriżulta li talbet ebda spjegazzjoni ulterjuri. Iżjed minn hekk, jirriżulta li l-Awtorita` intimata għamlet rapport dwar dak li rriżultalha lill-Pulizija Eżekuttiva, kif *del resto* kellha dmir li tagħmel. Pero`, minkejja dan, ma nġabet ebda prova dwar x'investigazzjoni għamlet il-Pulizija Eżekuttiva jew x'riżultat kellha tali investigazzjoni. Ma jirriżultax, għallinqas mill-provi prodotti, illi r-rikorrent ġie mressaq quddiem il-Qrati b'xi akkużi kriminali relatati mal-informazzjoni riċevuta mill-awtoritajiet tal-Litwanja.

Illi fid-dawl ta' dan kollu, it-Tribunal iqis li l-Awtorita` intimata kellu jkollha f'idejha provi ferm iktar konkreti minn emejl ta' linja waħda u kopja skennjata ta' dak li suppost hu ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura *de quo,* biex tasal għal sanzjoni daqshekk drastika li tirrevoka r-reġistrazzjoni tal-vettura tar-rikorrent, iktar u iktar meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni li r-rikorrent ma evada l-ebda miżata a skapitu tal-istess Awtorita`.

[6] A fol. 46

Illi għaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma li l-Awtorita` intimata ħadet id-deċiżjoni tagħha meta kellha f'idejha biss emejl mingħand awtorita` barranija li l-kontenut tagħha ma ġie sostnut bl-ebda dokument formali jew spjegazzjoni ulterjuri għala l-istess awtorita` barranija kienet qed issostni li s-sena ta' manifattura kienet is-sena 2013 u mhux 2016.

Illi fl-aħħar nett, it-Tribunal jirrileva illi minkejja li se jkun qiegħed iħassar u jirrevoka d-deċiżjoni appellata, huwa ma għandu ebda kompetenza li jordna lill-Awtorita` intimata tirreġistra l-vettura in kwistjoni. Madanakollu jirrileva li ladarba d-deċiżjoni appellata se tiġi revokata, il-partijiet se jergħu jitpoġġew fl-istess posizzjoni li kienu qabel ittieħdet id-deċiżjoni appellata, u ċioe` terġa' tidħol in effett ir-reġistrazzjoni oriġinali.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jilqa' l-appell tar-rikorrent in kwantu jirrevoka u jħassar id-deċiżjoni tal-Awtorita` intimata kif komunikata lilu permezz tal-ittra datata 31 ta' Jannar 2023 filwaqt li jiċħdu in kwantu talab lil dan t-Tribunal jordna lill-Awtorita` intimata tirreġistra l-vettura tal-għamla Chrysler 300 bin-numru ta' reġistrazzjoni GPY 085 stante li tali deċiżjoni tispetta biss lill-istess Awtorita`.

In vista' ta' dak deċiż hawn fuq jiċħad ir-risposta tal-Awtorita` intimata safejn din hija nkompatibbli ma' dak deċiż hawn fuq.

Bl-ispejjeż kontra l-Awtorita` intimata.

______________________________

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

__________________

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**